MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Numru 331/2012

Il-Pulizija
(Spettur Jurgen Vella)

vs

Rachel Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ numru 72382M, akkuzata talli fil-11 ta’ Marzu 2012 ghal habta tas-2:00a.m. gewwa Taboo Bar li jinstab fi Triq Bormla, Rahal Gdid:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ Priscilla Seisun f’perikolu car, ikkagunat griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Priscilla Seisun minn B’Kara liema griehi gew iccertifikati bhala gravi minn Dr Jesmond Cassar (Med Reg: 1906) mic-centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid.

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunat biza li ser tintuza vjolenza kontra Priscilla Seisun jew kontra l-propjeta' taghha.
3. ghad li kienet xurbana, qalet fil-pubbliku xi kliem oxen jew indicenti.
4. volontarjament kissret il-kwiet u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.
5. ghamlet ingurji jew theddid jew provokazzjoni b'mod li hareg mill-limiti tal-provokazzjoni fil-konfront ta' Priscilla Seisun.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija meta jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Priscilla Seisun jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena torbot lil hatja b'obbligazzjoni taghha nnifsa taht penali ta' soma ta' flus li tigi ffissat mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputata tammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqghet tinsisti anke wara li l-Qorti tatha zmien tikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputata tiddikjara u ssibha hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha. Wara li rat l-istqarrija taghha u l-fedina penali nadifa taghha. Wara li rat l-Artikolu 216(1)(b), 251B, 338(bb)(dd), 339(e),17(d), tiddeciedi li tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------